



EUROPEAN MEDICINES AGENCY  
SCIENCE MEDICINES HEALTH

1 ta' Frar 2023  
EMA/59254/2023  
Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

## Lingwi fuq dan is-sit web

**L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) tagħmel l-informazzjoni l-aktar importanti tagħha dwar il-mediċini u dwar il-ħidma tagħha disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea (UE) fuq dan is-sit web. Din il-politika dwar il-lingwi hija konformi mal-impenn tal-EMA li tipprovdi informazzjoni imparzjali lill-pazjenti, lill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u liċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea (UE) dwar il-mediċini li tevalwa. Dan l-impenn jinsab fil-qalba tal-missjoni tas-saħħa pubblika tal-EMA.**

**Il-lingwa ta' ħidma** uffiċjali tal-EMA hija l-Ingliż. Għaldaqstant, l-Aġenzija twettaq in-negozju tagħha bl-Ingliż u tagħmel il-kontenut kollu tagħha disponibbli bl-Ingliż.

L-EMA tipprovdi wkoll l-informazzjoni li għandha l-akbar impatt u rilevanza għall-udjenzi ġenerali u tkun disponibbli bil-[lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea \(UE\)](#). Din tinkludi:

- informazzjoni relatata mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, bħal ħarsiet ġenerali tal-mediċini li l-EMA tevalwa;
- informazzjoni ġenerali dwar il-ħidma u l-attivitajiet tal-EMA, inklużi l-mistoqsijiet frekwenti tagħha;
- sottotitoli jew taħdit sovrappost għall-vidjos tagħha u materjal awdjoviżiv ieħor li huma disponibbli permezz ta' dan is-sit web u l-[kanal YouTube](#) tagħha.

Iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jinteraġixxu wkoll mal-EMA fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE f'mistoqsijiet u konsultazzjonijiet pubbliċi.

### Politika dwar il-lingwi tal-EMA

Il-**politika dwar il-lingwi** tal-EMA tistabbilixxi l-modi kif hi taħdem bl-Ingliż u b'lingwi uffiċjali oħra tal-UE.

Din hija disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, kif ukoll bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż: [Politika Multilingwi \(europa.eu\)](#)

Il-politika tispjega kif l-EMA tqis l-impatt tal-partijiet ikkonċernati u r-rilevanza għalihom u l-protezzjoni tas-saħħa pubblika fid-deċiżjonijiet tagħha dwar it-**traduzzjoni**. Din tagħti prijorità lill-informazzjoni mmirata lejn il-pazjenti u l-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

Xi drabi l-EMA tagħmel l-informazzjoni disponibbli bl-Ingliż qabel lingwi oħra tal-UE, filwaqt li t-traduzzjoni tkun għadha għaddejja. Tagħmel dan meta jkun meħtieġ biex jiġi evitat dewmien fil-pubblikazzjoni tal-informazzjoni.

Fuq dan is-sit web, l-EMA tagħmel l-informazzjoni teknika disponibbli bl-Ingliż. Din hija mmirat primarjament lejn l-**industrija farmaċewtika**.

L-Ingliż huwa l-lingwa li din l-industrija topera biha globalment. Hija wkoll il-lingwa li biha t-terminoloġija standard hija disponibbli u tintuża internazzjonalment, inkluż minn awtoritajiet internazzjonali bħall-[Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa \(WHO\)](#) u d-[Direttorat Ewropew għall-Kwalità tal-Mediċini \(EDQM\)](#) tal-Kunsill tal-Ewropa.

L-Aġenzija tuża l-Ingliż f'dan il-kuntest biex tnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' fehim, l-ambigwià u l-iżbalji potenzjalment importanti li t-traduzzjoni tista' tintroduċi.

### Informazzjoni dwar mediċini li l-EMA tevalwa

L-EMA tqiegħed għad-dispożizzjoni informazzjoni relatata mal-valutazzjonijiet xjentifiċi tagħha tal-**mediċini individwali** bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE:

- **Ħarsiet ġenerali lejn mediċini awtorizzati għall-bniedem:** dawn jispjegaw x'inhi l-mediċina u għaliex ġiet awtorizzata
- Mistoqsijiet u tweġibiet dwar **mediċini li ġew miċħuda l-awtorizzazzjoni:** dawn jispjegaw għaliex il-mediċina ma kinitx xierqa għall-awtorizzazzjoni
- Mistoqsijiet u tweġibiet dwar **applikazzjonijiet irtirati:** dawn jispjegaw għaliex kumpanija rtirat l-applikazzjoni tagħha għall-awtorizzazzjoni ta' mediċina
- **Informazzjoni dwar il-prodott** għal mediċini awtorizzati: dawn jinkludu l-fuljett ta' tagħrif għall-pazjenti u s-sidien tal-annimali domestiċi, u huma disponibbli wkoll bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż
- Informazzjoni dwar **rieżamijiet maġġuri ta' mediċini** (magħrufa bħala riferimenti): dawn jispjegaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-EMA dwar kwistjonijiet, bħal tħassib dwar is-sigurtà

Aktar informazzjoni:

- [Dak li nipubblikaw dwar il-mediċini u meta](#) (bl-Ingliż biss)

### Informazzjoni dwar il-ħidma u l-attivitajiet tal-EMA

L-EMA tippubblika informazzjoni ġenerali dwar x'tagħmel, kif taħdem, ir-responsabbiltajiet tagħha u n-nies tagħha bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE:

- X'nagħmlu
- L-awtorizzazzjoni ta' mediċini
- Il-mod kif l-EMA tivvaluta mediċini għall-użu mill-bniedem
- Min aħna
- Il-Bord tat-Tmexxija
- Kif naħdmu
- Network regolatorju Ewropew tal-mediċini
- Ġestjoni ta' interessi konfliġġenti
- Mistoqsijiet frekwenti (FAQs)
- Fuljetti dwar suġġetti bħar-rapportar ta' effetti sekondarji suspettati ta' mediċini

Informazzjoni dwar l-EMA u mistoqsijiet frekwenti huma disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE:

- [Dwarna](#)
- [FAQs kif ippubblikati fuq il-web](#)

### Interazzjoni mal-EMA

Iċ-ċittadini tal-UE jistgħu [jibagħtu mistoqsija lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini](#) fuq dan is-sit web bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE. L-EMA se twieġeb bl-istess lingwa.

L-Aġenzija taċċetta kontributi għal **konsultazzjonijiet pubbliċi** bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE.

Kull meta jkun possibbli, l-EMA tagħmel dokumenti ta' konsultazzjoni pubblika disponibbli bil-lingwi uffiċjali tal-UE.

Aktar informazzjoni:

- [Ibq̃at mistoqsija lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini](#)
- [Konsultazzjonijiet miftuħa](#)

#### Kontenut relatat

- [Dwarna](#)
- [Mistoqsijiet frekwenti](#)

#### Links esterni

- [Ombudsman Ewropew: L-użu tal-lingwi uffiċjali tal-UE fil-komunikazzjoni mal-pubbliku - Rakkomandazzjonijiet prattiċi għall-amministrazzjoni tal-UE](#)